MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru. 1233/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**KONTRA**

**KEVIN GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kevin Gatt ta' 30 sena, bin Anthony u Carmela nee' Schembri, mwieled Pieta' nhar it- 30 ta' Jannar 1980, residenti Redeemer Blk B Flat 4, Triq il- Barklor, Ghaxaq u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 139980M;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar is- 17 ta' Novembru 2010 ghall- habta tat- 8.30pm gewwa Hal- Ghaxaq, bil- hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Raymond Gatt ta bidu ghal esekuzzjoni tad- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi permezz ta' arma bil- ponta u li taqta' volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Raymond Gatt skond kif iccertifika Dr. D. Balzan MD. 2111 mic- Centru tas- Sahha tal- Furjana;

3) (*U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il- persuna tieghu xi arma regolari u ma gabx prova xort' ohra li kienet qed tingarr l- istess arma regolari bi skop legittimu*) Irtirata mil-Prosekuzzjoni;

4) (*Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u garr arma li taqta' u bil- ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill- Kummissarju tal-Pulizija*) Irtirata mil-Prosekuzzjoni;

5) Kif ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l- persuna ta' Raymond Gatt sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

6) Kif ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il- paci u l- ordni pubblika b' ghajjat u glied;

7) Ukoll talli kiser l- ordnijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti b' sentenza emanata mill- Qorti tal-Magistrati li ghada fi stadju operattiv taghha mill- Magistrat Dr. S. Demicoli;

8) Il- Qorti hija gentilment mitluba titratta mal- imputat li huwa recidiv u dan wara li nstab hati mill- Qorti tal- Magistrati Malta b’ diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi t-tielet u r-raba’ imputazzjoni gew irtirati mil- Prosekuzzjoni, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu, zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-ewwel imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni, u ghalhekk in vista tal-ammissjoni ghat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti tista’ tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront tieghu. Din il-kawza tittratta incident domestiku bejn l-imputat u s-sieheb t’ommu, Raymond Gatt. Jidher li nqala’ incident bejniethom, u dan skala u kiber ‘il fuq mil-proporzjon, izda b’xorti tajba ma kellu ebda konsegwenza gravi. Il-Qorti giet infurmata li l-uniku interess li kellu l-parti leza kien li jottjeni garanzija li l-imputat ma jergax jimmolestah. In vista tal-fatt li Raymond Gatt huwa s-sieheb ta’ omm l-imputat, il-Qorti ma tarax li hem mil-htiega ta’ piena li tirrestringi l-liberta’, izda sejra torbot lill-istess imputat b’garanzija tieghu nnifsu skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 41, 214, 216, 221, 339(1)(d) u (e), 338(dd),

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghat-tieni;
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' imputazzjoni, peress illi dawn gew irtirati mil-Prosekuzzjoni;

Fuq ammissjoni tat- tieni (2), il- hames (5) is- seba (7) u t-tmien (8) akkuzi din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant torbot lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ai termini tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta ghal sena favur Raymond Gatt taht penali ta' hames mitt ewro (€500).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------